MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 144/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Silvio Valletta)**
**(Spt. Anthony Portelli)**
**Vs**
**Omissis**
**Christopher Mazzatelli**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti, [Christopher Mazzitelli detentur tal-karta tal-identita` numru 36081M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli gewwa Hal-Ghaxaq nhar it-13 ta' Novembru 2006 ghal habta tas-2.00 ta' wara nofsinhar, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe` li jisirqu mill-fond numru 4, Triq San Bastjan, Hal-Ghaxaq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom li kieku gie esegwit

kien ikun ikkwalifikat bil-“vjolenza numerika”, bil-“valur” li jiskorri LM1000, bil-“lok” u bil-“mezz” ghad-detriment ta’ Bruno Philip Farrugia minn Hal-Ghaxaq u persuni ohra;

Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fil- bieb principali ta’ l-imsemmi fond, liema hsara ma teccedix Lm 50, u li saret ghad- detriment ta’ Bruno Philip Farrugia minn Hal-Ghaxaq u persuni ohra;

Lil Omissis wahdu talli sar recediv b’sentenzi tal- Qorti tal-Appell Kriminali datata 2 ta’ Gunju 2004, u tal- Qorti tal-Magistrati (Malta), Dr. J. Cassar LL.D datata 29 ta’ Jannar 2003, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal- Artikolu 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Lil  Mazzatelli wahdu talli sar recediv b’sentenza tal- Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 29 ta’ Lulju 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Lil Omissis wahdu talli sar recediv ai terminu tal- Artikolu 49 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ April, 2009, li biha,  wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(e), 262 (1)(b), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 276, 276(A), 277, 278(1)(2)(3), 279(b), 280, 281, 325(1)(c), 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti Omissis, Christopher Mazzatelli u omissis hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, b’dan illi l-aggravanti tal-valur qed jigi determinat skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 279(a) tal-Kap. 9, u b’dan ukoll illi l-imputat omissis ma rrizultax li hu recediv.

Ghaldaqstant ikkundannat lil Omissis ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax-il xahar, li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv.

Lil Christopher Mazzatelli kkundannatu terminu ta' prigunerija ta' sena, li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv.

U lil omissis ikkundannatu terminu ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal erba` snin, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Christopher Mazzatelli minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena jew alternattivament u fil-kaz li dina l-Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Christopher Mazzatelli huma s-segwenti u cioe`:-

Illi **l-ewwel aggravju** hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Il-pern ta' din il-kawza kollha huwa jekk, l-allegati parti leza Bruno Philip Farrugia u Guzeppi Spiteri, humiex xhieda kredibbli jew le. Jekk id-depozizzjoni taghhom ghandhiex mis-sewwa u jekk l-istess xhieda hijiex imzewqa b'affarijiet li graw wara l-incident. Jekk ix-xhieda taghhom hijiex mibnija u msejsa fuq element ta' tpattija ghal ragunijiet maghrufa lil Bruno Philip Farrugia biss.

Ftit jiem wara, li saret it-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, saret il-prova ta' kemm verament ghandu mis-sewwa l-qawl ingliz "*no honour amongst thieves*",

b'dana pero` li mhux qieghed jigi sottomess li l-appellanti huwa *a thief*, a differenza ta' terzi!

Bhal ma jghallmu kemm il-qrati taghna kif ukoll il-guristi, sabiex tista` tinstab htija ta' persuna rigwardanti tentattiv ta' delitt, il-prosekuzzjoni trid necessarjament tipprova sal-grad tac-certezza morali, li dik il-persuna li qedha tixli b'tali ghemil, ma kienitx fl-istadju tal-*preparatory acts*, izda fi stadju oltre u cioe` fl-istadju tal-*commencement of the execution*.

Jsegwi ghalhekk li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kellha l-obbligu li sabiex il-kaz taghha jirnexxi, hija kellha tipprova li kemm l-esponenti kif ukoll it-terzi ko-akkuzati, kienu lkoll kemm huma jinsabu fl-istadju tal-*commencement of the execution of their criminal intent*.

Tenut kont tal-fatt li kemm Bruno Philip Farrugia, kif ukoll Guzeppi Sacco kienu skjetti hafna dwar minn mil-akkuzati ghamel xhiex, izda kienu fermi fix-xhieda taghhom li wiehed biss kien permezz ta' turnavit qieghed jipprova jiftah il-bieb ta' barra taghhom, neccessarjament tqum il-mistoqsija dwar fejn hija l-prova li l-esponenti kien hu li kellu f'idejh dan it-turnavit? U x'suppost ghamel l-esponenti f'dan l-incident kollu?

It-twegiba ghal din il-mistoqsija, l-esponenti tennija fix-xhieda tieghu, u cioe` li huwa ma kienx f'dak il-post, f'dak il-hin u li huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern.

A bazi tal-gurisprudenza sviluppata mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede superjuri) fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella", stante li skond id-dritt penali nostran, kull ma jghid, kemm favur kif ukoll kontra, ko-imputat fuq ko-impuitat iehor ma jaghmilx stat ta' prova fil-konfront ta' ko-imputat iehor, galadarba wiehed mit-terzi ma ntavola l-ebda appell mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, <u>l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex James Vella jingieb bhala xhud ai termini ta' l-artikolu 424(a) tal-Kodici Kriminali</u>, sabiex tramite x-xhieda tieghu huwa jkun jista` jwiegeb din il-mistoqsija. Din it-talba qedha ssir fl-ahjar interess tal-ezercizzju tar-ricerka tal-verita`.

L-appellant ta x-xhieda tieghu u anke s-siehba tal-esponenti, fejn it-tnejn li huma spjegaw x'xoghol kien jaghmel l-esponenti fiz-zmien mertu tal-kawza u anke ghalhekk ghalfejn huwa qatt ma seta kien involut f'dan l-incident. Ix-xhieda ta' James Vella ghalhekk hija aktar mehtiega stante li din il-persuna tista` mhux biss titfa dawl ta' verita` li jiskolpa lill-esponenti minn kull responsabbilita` u htija u l-konsegwenzjali piena izda ukoll minhabba l-fatt li fid-dawl tal-gurisprudenza tas-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Giuseppe sive Joseph Cassar" deciza nhar il-22 ta' Marzu 1998, id-difiza ta' l-alibi tkun aktar fis-sod u li biha b'hekk id-difiza tkun lahqet il-livell tal-prova mistenni minnha.

L-atti processwali nfushom jixhdu kif l-esponenti jaf jerfa r-responsabilitajiet tieghu tant li nsegwitu ghal sejbien ta' htija tieghu fejn huwa gie kkundannt ghal perijodu ta' prigunerija effettiva, kien l-istess esponenti li rtira l-appell tieghu u ghadda sabiex skonta l-piena mposta fuqu (vide fol. 192 u 193). Dan il-fattur wahdu jimmilita favur il-kredibbilita` tal-esponenti u jkompli jdghajjef il-posizzjoni tal-esponenti.
Dan kollu qieghed jingieb il-quddiem, stante li bl-akbar dovut rispett, lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, minkejja li l-istess Qorti rrimarkat dwar l-agir fuq il-pedana tax-xhieda ta' Bruno Philip Farrugia u ta' Guzeppi Spiteri, l-istess Ewwel Qorti, ghazlet li filwaqt li ddikjarat li tali agir jnaqqas mil-gieh taghhom, dan l-agir "ma jnaqqasx mill-kredibilita` taghhom". L-esponenti jikkontendi l-oppost u dan fid-dawl ta' l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Miflija sew id-depozizzjoni ta' kwerelanti, jemergi bic-car kif fl-ebda stadju dawn iz-zewg xhieda li suppost raw kollox jsehh, identifikaw minn mill-akkuzati kien qieghed jaghmel xhiex? Anzi l-oppost, nhar it-13 ta' Novembru 2008, skond dok WS1 (folio 157 et seq), ix-xhud Bruno Farrugia nforma lil Pulizija li filwaqt li kienu tlieta l-malviventi "wiehed li pprova jiftah u tnejn ohra li kienu wiehed f'kantuniera u iehor f'ohra jistennew". Fid-depozizzjoni ta' l-istess Farrugia nhar it-30 ta' Novembru 2006 (folio 45), huwa jikkontradici lilu nnifsu billi jghid "rajt

lil dak li qieghed faccata … kien qieghed faccata, u kif ftahna t-twieqi u ttawwalna ghal isfel nara lil dak ta' xaghrfu safra u l-iehor bit-turnavit jisgussaw". Din it-testimonjanza ma ghandhiex mis-sewwa u lanqas ma hjia bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tilhaq il-livell li bih hija moghnija l-prosekuzzjoni.

L-uniku ness ta' "prova", (jekk qatt tista` tissejjah hekk), li b'xi mod tista` (qatt) torbot lill-esponenti mal-kaz, hija t-twegiba li dan ix-xhud jaghti ghal domanda diretta tal-prosekuzzjoni u cioe` li dak li huwa jirreferi ghalieh bhala Mazzatelli, kien liebes misluta!. Harsa lejn dok KM1 turi kif, kemm l-esponenti izda kif ukoll terz ta' xaghru isfar it-tnejn li huma ghandhom l-istess tip ta' misluta!

In sostenn ta' dak su espost, l-esponenti jaghmel riferenza u jabbraccja l-insenjament ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, maghmul fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Zammit", deciza nhar is16 ta' Lulju 1998. Maghdud dan l-insenjament mad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 74 tal-Kap. 164 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jishaqq b'aktar reqqa dwar mhux biss il-fatt li huwa ma ghandu xejn x'jaqsam mal-incident mertu tal-kawza, izda aktar u aktar li l-identifikazzjoni da parti ta' Bruno Farrugia u Guzeppi Spiteri hija monka u li hija identifikazzjoni perikoluza ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi **t-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li, minkejja rinunzja tal-kwerela ai fini tat-tieni mputazzjoni, da parti ta' Guzeppi Spiteri li huwa sid il-fond mertu tal-kawza, l-Ewwel Onorabbli Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex sabet lill-esponenti hati ta' din l-akkuza ukoll. Dana l-aggravju qieghed jingieb minghajr pregudizzju tal-aggravju precedenti.

Guzeppi Spiteri a folio 62, fix-xhieda moghtija minnu nhar it-30 ta' Novembru 2006, bla tlaqliq, "ghal ruh omm[u] u ghal ruh missier[u]" irrinunzja ghall-azzjoni kriminali rigwardanti hsarat u dan in konformita ma' l-artikolu 545(1) tal-Kodici Kriminali. Tenut kont li l-hsara nvoluta f'dan il-kaz taqa fil-parametri kemm tas-subinciz (c) kif

ukoll tas-subinciz (d) ta' l-artikolu 325(1), fid-dawl tat-tieni proviso ta' dan l-istess artikolu, qatt ma seta` jkun hemm sejbien ta' htija ai termini ta' l-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Illi **t-tielet aggravju** huwa car u manifest u minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti umilment jikkontendi li f'dan il-kaz setghet tigi applikata piena ta' prigunerija anqas oneruza fuq l-appellant.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fit-tlettax (13) ta' Novembru, 2006 Bruno Philip Farrugia u Guseppi Spiteri kienu qeghdin jistriehu fil-font taghhom numru 4, Triq San Bastjan, Hal Ghaxaq. Ghall- habta tas-saghtejn (2:00) ta' wara nofs inhar semghu hoss mal-bieb principali tal-fond u s-sur Farrugia ttawwal mit-tieqa u lemah tliet (3) persuni, fosthom gharaf pozittivament lil James Vella. Dawn kienu qeghdin jippruvaw jisgassaw il-bieb permezz ta' tornavit, ghalhekk Bruno nizel isfel sabiex iwaqqaf din l-attivita u hekk kif il-persuni lemhuh telqu jigru minn fuq il-post b'karozza b'numru illi gie nnutat minn Farrugia. Wara dan Farrugia hu Spiteri ghamlu rapport lill-pulizija. Xi jiem wara gewwa bar f'Hal Qormi Farrugia lemah lil dawn it-tliet (3) persuni u wkoll wara li ra xi elenki ta' ritratti gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Farrugia jghid illi gharaf lil dawn it-tliet (3) persuni li ppruvaw jisirqu d-dar tieghu. B'hekk bdew dawn il-proceduri.
U b'Sentenza tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' April, 2009 (fol 315), Patrick Mangion, Christopher Mazzatelli u James Vella nstabu hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom u gew ikkundannati piena ta' prigunerija.
Ikkunsidrat.

Ikkunsidrat.

In kwantu ghal dan l-aggravju u l-mahfra ta' Giuseppi Spiteri u l-pretiz nuqqas ta' sejbien ta' htija, din il-Qorti tosserva li r-reati li taghhom l-appellanti huma akkuzati, nkluz dak ta' hsara volontarja, huma dejjem prosegwibli "ex ufficcio" mill-Pulizija Esekuttiva ghalkemm normalment

meta l-hsara tkun zghira u taqa' fil-parametri kemm tas-subinciz (c) kif ukoll (d) ta' l-Artiklu 325 (1) tkun prosegwibli fuq il-kwerela tal-parti lesa. F'dan il-kaz japplika l-proviso ta' l-Artiklu 373 tal-Kap 9 peress li r-reat ta' hsara volontarja hu akkumpanjat minn reat iehor – attentat ta' serq agravat - li jmiss lill-ordni pubbliku. Ghar-rigward ta' l-akkuza ta' hsara volontarja l-parti lesa ma mexxietx l-azzjoni kriminali hi u ma rrizultax li rrinunzjat espressament ghall-istess azzjoni fi zmien erbat (4) ijiem minn dak inhar li sar ir-reat. Fic-cirkostanzi ghalhekk l-azzjoni fil-konfront ta' dawn ir-reati setghet titmexxa "ex ufficcio" kif di fatti tmexxiet. Hi gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li meta l-azzjoni titmexxa ex ufficcio fit-termini ta' l-imsemmi proviso l-mahfra tal-parti lesa ma ghandha ebda effett fuq l-azzjoni u tista' biss fil-kazijiet kongruwi tinfluwixxi fuq il-piena. Ghalhekk dan l-ewwel agravju qed jigi respint.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-agravju dwar il-meritu l-appellant Mangion qieghed jargumenta illi l-parti lesa Bruno Philip Farrugia u Guseppi Spiteri mhumiex xhieda kredibbli u d-depozizzjoni taghhom m'ghandix mis-sewwa u hija mzewqa b'affarijiet illi graw wara l-incident. Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kelliex tibni l-kaz taghha fuq ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni. Dan l-argument qed jitkompla jissahhah mill-fatt illi Bruno Philip Farrugia xehed quddiem il-Qorti ta' l-Appell u qal illi dak inhar ta' l-incident gharaf biss lil James Vella u mhux lit-tnejn l-ohra. Jumejn wara kien go hanut f'Hal Qormi u ra lil Vella fil-kumpanija ta' l-appellanti l-ohra, sr jaf x'jisimhom u mar ghand il-pulizija. Veru illi quddiem l-ewwel Qorti qal illi gharaf lill-appellanti, pero' quddiem il-Qorti ta' l-Appell qal illi dan ma kienx minnu u kien ghaggel meta kellem lill-pulizija meta ma kienx cert b'identifikazzjoni tieghu.

Irrizulta pero' illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati xehed tliet (3) darbiet u f'dawn it-tliet (3) okkazjonijiet identifika lill-appellanti minghajr dubju, fuq medda ta' sentejn ma biddilx il-verzjoni tieghu u lill-pulizija kien originaljament qalilhom li gharaf lit-tliet (3) persuni li kienu bilqeghda

madwar mejda. Ma tax spjegazzjoni ghaliex kellu jistenna sa dan l-istadju ta’ l-appell sabiex jerga jibdielu dwar l-identifikazzjoni illi kien ghamel qabel vicin hafna dak inhar ta’ l-incident.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad li din il-Qorti mhijiex konvinta illi Bruno Philip Farrugia kien qed jghid is-sewwa meta xehed quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Veru illi jidher illi hemm konflitt bejn ix-xhieda illi ta quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u dik illi ta quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Izda kif gie ritenut minn din il-Qorti mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjni tal-persuna akkuzata, imma l-Qorti f’kaz ta’ konflitt ta’ provi trid tevalwa l-provi skont il-kriterji ennuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall- konkluzjoni dwar lil min trid temmen u fiex ser temmen jew ma temmnux (Il-Pulizija vs Joseph Thorn Appell Kriminali 9 ta’ Lulju, 2003). Il-Qorti wzat dawn il-kriterji u rat illi x-xhieda ta’ Bruno Philip Farrugia moghtija quddiem il-Qorti ta’ l-Appell mhijiex konsistenti u lanqas ma ghandha mis-sewwa. A fol 47 tal-Process Bruno Philip Farrugia jaghti deskrizzjoni cara u grafika x’gara dak inhar meta ppruvaw jidhlulu d-dar u kif kien f’pozizzjoni jara t-tliet (3) irgiel. Spjega illi meta ttawwal mit-tieqa ta’ fuq it-tlieta (3) li huma dawru wicchom jharsu lejh. Apparti dan, nizel jigri, lahaqhom ezatt jirkbu go karozza Hyundai bajda bin-numru IAE 732 u kif kwazi mwasal ma genbhom startjaw u saqu. L-ghada rega’ rahom, kienu go Mazda sewda bin-numru ICE 030. Anzi qal lill-Qorti illi mhux darba biss rahom imma tliet (3) darbiet u rega’ identifikom lill-Qorti meta kien qieghed jixhed quddiem il-Magistat. Din il-Qorti tiskanta kif issa wara dan iz-zmien kollu f’dan l-istadju Bruno Philip Farrugia jista’ jghid li kellu d-dubju mill-identifikazzjoni ta’ Mangion. Ghalhekk bhall-ewwel Qorti, l-Qorti ta’ l-Appell toqghod fuq id-depozizzjoni illi Farrugia kien ta fl-ewwel stadji tal-proceduri vicin hafna iz-zmien u l-hin ta’ l-akkadut.

Ghal bqija ta’ l-argumenti ta’ l-appellanti dawna gew abilment ittrattati mil-ewwel Qorti li tat l-ispjegazzjonijiet u

r-ragunijiet taghha ghaliex kellha ssib htija. Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u mhux biss dawk ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellanti u ssib illi kienet ragunevoli fil-konkluzjonijiet taghha, ghalhekk mhux il-kaz illi d-deskrizzjoni u l-konkluzjoni taghha tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14 ta' Gunju, 1999), irrizulta illi l-piena tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tinbidel.

Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------